MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 60/1995/1

**Francis Buttigieg bhala mandatarju ta' l-imsefrin Antonia mart Nazzareno Buttigieg, Monica mart Angelo Tabone u Michael Buttigieg; Anthony Buttigieg u b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2000, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph, Carmelo, Maria Rosa mart Alfredo Xerri, u bl-istess digriet Francis Buttigieg, gie nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-imsefrin Carolina armla ta' Giovanni Spiteri, Michael, Michelina mart Loreto Xerri, Frances mart Emanuel Buttigieg u Maria Antonia mart Emanuel Buttigieg ilkoll ahwa Buttigieg, ulied il-mejtin Antonio u Maria Assunta Buttigieg, stante l-mewt ta' Antonio Buttigieg fil-mori tal-kawza; Salvu Buttigieg u b'digriet tal-24 ta' Frar 2000, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Francis Buttigieg,**

**Josephine mart Michael Camilleri, Grace mart Anthony Vassallo, Caroline mart Anthony Agius u l-imsiefra Michelina mart Nazzareno Vella li hawn Malta hija rapprezentata minn Francis Buttigieg stante li miet l-attur Salvu Buttigieg fil-mori tal-kawza; Giuseppa armla ta' Anthony Buttigieg, Grazia armla ta' Joseph Said, Rosa armla ta' Joseph Tabone u Carmen mart Lawrence Tabone**

**v.**

**John Zammit Gauci, Michael Zammit Gauci, Anthony Zammit Gauci, Miriam mart Victor Cavallo, ilkoll ahwa Zammit Gauci u r-Registratur ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti:**

1. Dan l-appell gie trattat fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2006, u gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-seduta tal-lum.

2. Fil-korp ta' l-ezami ta' l-atti processwali, din il-Qorti rriskontrat il-fatt li b'digriet 'seduta stante' in data tal-10 ta' Gunju 1997 (fol. 221), l-ewwel Qorti kienet laqghet talba ta' wahda mill-partijiet biex jigu allegati l-atti jew kopja ta' l-atti tal-kawza fl-ismijiet: **In-Nobbli Carmelo Zammit Gauci v. Kanoniku Eduardo Gatt** (Citaz. Nru. 22/47) u fil-fatt *inter alia* jirrizulta li fis-sentenza appellata stess saret riferenza ghal dawn l-atti. Minkejja dan id-digriet pero`, ma jirrizultax li l-atti li gew mghoddija lil din il-Qorti jikkontjenu maghhom l-atti li giet ordnata l-allegazzjoni taghhom mill-ewwel Qorti.

3. In vista tas-suespost, din il-Qorti qeghdha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sakemm jigu allegati dawn l-atti u thalli ghalhekk il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu, prevja l-imsemmija allegazzjoni a karigu tar-Registratur (li ghandha tigi effettwata mill-aktar fis u ghalhekk ukoll qeghda tordna li ssir komunika f'dan is-sens lir-Registratur tal-Qrati) ghal nhar il-Tnejn, 2 ta' April, 2007 fid-9.00 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------